# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Julian Pirotta

Illum 4 ta' Novembru, 2024

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijet fil-konfront ta' Julian Pirotta bin Joseph John Pirotta u Rachelle Pirotta nee Bellia, imwielda fit-31/12/1996 u joqghod 19, Triq l-Amerika, Naxxar, ID 007597M.

Billi int akkuzat talli fit-28 ta' Lulju, 2017 ghall-habta ta' 22.30 hrs fi Triq iz-Zaghfran, Attard soqt vettura bin-numru ta' registrazzjoni CBE995;

1. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi fuq

il-persuna ta’ Stephanie Azzopardi skond kif iccertifika Dr. Angel Galdes M.D. mill-MDH;

2. U aktar meta b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkagunajt offizi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Franklin Grima skont kif iccertifika Dr. Jeffrey Bonnici M.D. mill-MDH;
3. U b’nuqqas ta’ hsieb u bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, hbatt ma’ vettura nru. EBO 391 u involontarjament ikkagunajt hsarat ghad-dannu ta’ Franklin Grima;
4. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluz;
5. U aktar talli soqt l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata;
6. U aktar talli nqast li tobdi sinjali tal-karreggjati li hemm indikati fl-imsemmija triq.

Il-Prosekuzzjoni titlob li tigi skwalifikat/a mill-licenzji kollha tieghek tas-sewqan.

Rat l-artikol 226 , 328(d) Kap 9  Art 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 L.S. 65.11 MVR88 tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat li gie ezebit il-Process Verbal fit-30 ta Gunju 2022 u l-hatra tal-esperti giet ikkonfermata flistess data.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

L-imputat ghazel li ma jixhidx.

Rat l-atti kollha u x-xhieda u dokumentazzjoni kollha prodotta.

Semghet it-trattazjoni.

**Ikkunsidrat**

**WPS 301 L Vella** xehdet permezz ta’ affidavit

**It-Tabib Angel Galdes** xehed permezz ta’ affidavit

**It-Tabib Jeffrej Bonnici** xehd permezz ta' affidavit

**PC 362 Brian Atkins** xehed dwar l-involviment tieghu fl-incident

**Stephanie Azzoppardi** xehedet li kienet pillion rider ma Franklin Grima u taghat dettalji dwar l-incident.

**Ikkunsidrat**

Ma hemmx provi fil-grad rikjest fil-kamp kriminali dwar ic-cirkonstanzi ta' kif sehh l-incident. Isegwi li ma giet ippruvata l-ebda wahda mill-imputazzjonijet.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-artikoli 226, 328(d) Kap 9 Art 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 L.S. 65.11 MVR88 tal-Ligijiet ta' Malta ma ssibx lil Julian Pirotta hati tal-imputazzjonjiet fil-konfront tieghhu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**